AWTORITA' TAD-DJAR ◆ HOUSING AUTHORITY

# RAPPORT TAS-SENA 1997-1998

# ESTIMI GHAS-SENA 1998-1999

Rapport Amministrattiv
Bejn l-1 ta' Ottubru, 1997
u t-30 ta' Settembru, 1998

Rapport Finanzjarju
Bejn l-1 ta' Ottubru, 1997
u t-30 ta' Settembru, 1998

Estimi ta' Nfieq u Dħul
Bejn l-1 ta' Ottubru, 1998
u t-30 ta' Settembru, 1999

Imħejjija skond l-Artikli
11 u 13 ta' l-Att
Dwar l-Awtorita' tad-Djar (Kap. 261).

KONTENUT

RAPPORT AMMINISTRATTIV ............................................ 1 - 27

RAPPORT FINANZJARJU ............................................ 28 - 31

ESTIMI GĦAS-SENA 1998/99 ............................................ 32 - 37

AWTORITA' TAD-DJAR

RAPPORT AMMINISTRATTIV 1997/1998

## 1.0 Daħla

1.1 Dan ir-rapport ifisser ħidmet l-Awtorita' tad-Djar tul it-tnax-il xahar mill-1 ta' Ottubru, 1997 sat-30 ta' Settembru, 1998.

1.2 Matul din is-sena, ħidmet l-Awtorita' tad-Djar tmexxiet minn Bord nominat permezz ta' Avviż Legali Numru 707 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Ottubru 1997 u Numru 724 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Ottubru 1997 li kien kompost minn:-

Is-Sur Victor Galea (Chairman)
Is-Sur Clyde Attard B. Comm
Dr. Joseph Azzopardi LL.D
Is-Sinjura Valentina Bonello
Is-Sur Piju Busuttil B.A (Arch Stud) B.A. Arch (Hons) A& CE
Is-Sur Carmel Esposito
Dr. George Grech M.R.C.S.(Eng), L.R.C.P. (Lond)
Is-Sinjura Carmen Sant
Is-Sur Victor Sciberras Grioli (Segretarju).

Wara li fis-16 ta' Settembru 1998 skada it-terminu ta' dan il-Bord, permess ta' Avviż Legali Nuru 852 tat-13 ta' Novembru 1998, ġie nominat Board ieħor b'effett mis-17 ta' Settembru 1998 kompost minn:-

Is-Sinjura Marisa Micallef Leyson M.Sc (Policy Studies) (Chairperson)
Dr. Joseph Azzopardi LL.D
Is-Sur Carmel Esposito
Is-Sur Tonio Fenech B.A. (Hons) Accty, MIA, CPAA
Dr. George Grech M.R.C.S.(Eng), L.R.C.P. (Lond)
Is-Sur Anton Valentino B.A (Arch.) B. Arch. (Hons) A & CE
Is-Sinjorina Sue Vella M.Sc., B.A. (Hons) Psych., Dip. App. Soc. Stud.
Is-Sur Victor Sciberras Grioli (Segretarju).

1.3 Il-Membri tal-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar iltaqgħu kemm il-darba biex jiddiskutu diversi materji u jittieħdu diversi deċizjonijiet. Dawn il-laqgħat kienu f'forma ta' Bord jew Sottokumitat.

## 2.0 Sena ta' ħidma.

2.1 420 benefiċjarju ibbenfikaw matul din is-sena li involva l-ammont ta' LM 3,301,443 bħala sussidji f'xiri ta' proprjeta'. Barra minn hekk 2,654 familja gawdew minn sussidju fuq self u fuq iċ-ċens li l-ammont tas-sussidju laħħaq għal Lm 278,656.

2.2 L-Awtorita' kompliet b' l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet li rċeviet taħt Avviżi 60.

Taħt l-Avviż 60 ħarġu għall-allokazzjoni b'xiri appartamenti, *maisonettes, Cluster Houses* u garaxxijiet fejn applikabbli, fil-lokalitajiet li ġejjin:

*MALTA - APPARTAMENTI*

| LOKALITA' | NUMRU TA' APPARTAMENTI |
|---|---|
| Naxxar | 24 |
| TOTAL | 24 |

*MAISONETTES (Gebel u Saqaf) Malta*

| LOKALITA' | NUMRU TA' MAISONETTES | GARAXXIJIET |
|---|---|---|
| Dingli | 4 | 4 |
| Kirkop | 3 | 3 |
| Marsascala | 1 | 1 |
| Mellieħa | 1 | 1 |
| Mgarr | 1 | - |
| Mosta | 4 | 4 |
| Naxxar | 4 | 4 |
| Pembroke | 2 | 2 |
| San Gwann | 12 | 12 |
| Ta' Giorni | 7 | 7 |
| Zurrieq | 3 | 1 |
| TOTAL | 42 | 39 |

*GHAWDEX - MAISONETTES (Gebel u Saqaf) Ghawdex*

| LOKALITA' | NUMRU TA' MAISONETTES | GARAXXIJIET |
|---|---|---|
| Kercem | 2 | 2 |
| Qala | 2 | 2 |
| Xaghra | 2 | 2 |
| Victoria | 2 | 2 |
| TOTAL | 8 | 8 |

Il-postijiet taht dan l-avviż kienu mqassma u applikaw ghalihom hekk:-

| KATEGORIJA | APPLIKANTI | UNITS |
|---|---|---|
| I - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wiehed b'ulied mhux miżżewġin jghixu mieghu fl-istess fond u li joqghodu ma' terzi. | 136 | 10 |
| ID - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wiehed b'ulied mhux miżżewġin jghixu mieghu fl-istess fond u li ghandhom diżabilita' u li joqghodu ma' terzi. | 2 | 1 |
| H - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wiehed b'ulied mhux miżżewġin jghixu mieghu fl-istess fond li huwa fi stat ta' periklu u/jew *substandard.* | 63 | 33 |
| HD - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wiehed b'ulied mhux miżżewġin jghixu mieghu fl-istess fond li huwa fi stat ta' periklu u/jew *substandard* u li ghandhom diżabilita'. | 4 | 2 |
| B - Koppji Gharajjes. | 873 | 20 |
| BD - Koppji Gharajjes b'diżabilita'. | 2 | 2 |
| DIS - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wiehed b'ulied mhux miżżewġin jghixu mieghu fl-istess fond, u li ghandhom diżabilita' u ma joqghodux go fond perikoluż u/jew *substandard* u ma joqghodux ma' terzi. | 9 | 6 |
| TOTAL | 1089 | 74 |

* Koppji miżżewġin iridu jkunu mhux separati, jew bla tfal, jew bit-tfal mhux miżżewġin jghixu maghhom fl-istess fond.

2.2.1 Taht Avviż Numru 61 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Novembru 1997, l-Awtorita' tad-Djar harġet ghall-allokazzjoni b'bejgh 123-il fond:-

*APPARTAMENTI (Advanced Shell Form)*

| LOKALITA' | NUMRU TA' APPARTAMENTI |
|---|---|
| Bugibba | 8 |
| Total | 8 |

*MAISONETTES (Gebel u Saqaf) Malta*

| LOKALITA' | NUMRU TA' MAISONETTES | GARAXXIJIET |
|---|---|---|
| Attard | 28 | 28 |
| Birzebbuga | 4 | 4 |
| Għargħur | 2 | 2 |
| Kirkop | 4 | 4 |
| Luqa | 2 | 2 |
| Mosta | 32 | 32 |
| Mqabba | 2 | 2 |
| Msida | 2 | 2 |
| Mtarfa * | 30 | 30 |
| Naxxar | 2 | 2 |
| Paola | 1 | 1 |
| Qrendi | 2 | 2 |
| Zabbar | 1 | 1 |
| Zurrieq | 2 | 2 |
| TOTAL | 114 | 114 |

** Advanced Shell Form*

*DAR (Ġebel u Saqaf)*

| LOKALITA' | NUMRU TAD-DAR | GARAXXIJIET |
|---|---|---|
| Cospicua | 1 | 1 |
| TOTAL | 1 | 1 |

Il-postijiet taħt dan l-avviż kienu mqassma u applikaw għalihom hekk:-

| KATEGORIJA | APPLIKANTI | UNITS |
|---|---|---|
| I - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wieħed b'ulied mhux miżżewġin jgħixu miegħu fl-istess fond u li joqgħodu ma' terzi. | 72 | 16 |

| KATEGORIJA | APPLIKANTI | UNITS |
|---|---|---|
| ID - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wieħed b'ulied mhux miżżewġin jgħixu miegħu fl-istess fond u li għandhom diżabilita' u li joqgħodu ma' terzi. | 2 | 2 |
| H - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wieħed b'ulied mhux miżżewġin jgħixu miegħu fl-istess fond li huwa fi stat ta' periklu u/jew *substandard.* | 56 | 54 |
| HD - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wieħed b'ulied mhux miżżewġin jgħixu miegħu fl-istess fond li huwa fi stat ta' periklu u/jew *substandard* u li għandhom diżabilita'. | 2 | 4 |
| B - Koppji Għarajjes. | 765 | 34 |
| BD - Koppji Għarajjes b'diżabilita'. | 3 | 3 |
| DIS - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wieħed b'ulied mhux miżżewġin jgħixu miegħu fl-istess fond, u li għandhom diżabilita' u ma joqgħodux go fond perikoluż u/jew *substandard* u ma joqgħodux ma' terzi. | 5 | 10 |
| TOTAL | 905 | 123 |

* Koppji miżżewġin iridu jkunu mhux separati, jew bla tfal, jew bit-tfal mhux miżżewġin jgħixu magħhom fl-istess fond.

Wara l-verifika tad-905-il applikażżjoni riċevuta, l-applikanti ġew mogħtija l-punti. Il-lista tal-punti ġiet ippubblikata fuq in-*Notice Bord* ta' l-Awtorita' tad-Djar.

Min ma qabilx mal-punti mogħtija jew ma' l-invalidita' ta' l-applikażżjoni setgħa joġġezzjona bil-miktub u jagħti r-raġuni għaliex ma qabilx. Dawn l-oġġezzjonijiet għalqu fil-11 ta' Frar 1998. Ġie nominat sottokumitat għal ta' l-apposta biex jivverifika dawn l-oġġezzjonijiet u wara ġiet ppubblikata l-lista finali.

2.2.2 Fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Jannar 1998, taħt Avviż Numru 62, l-Awtorita' tad-Djar ħarġet għall-allokazzjoni b'bejgħ 67 fond:-

*MALTA - APPARTAMENTI*

| LOKALITA' | NUMRU TA' APPARTAMENTI |
|---|---|
| Birkirkara | 2 |
| Bugibba | 1 |
| Kalkara | 4 |
| Luqa | 1 |
| Naxxar | 6 |
| San Gwann | 1 |
| Siggiewi | 10 |
| Vittoriosa | 2 |
| Zebbuġ | 4 |
| TOTAL | 31 |

*MAISONETTES (Gebel u Saqaf) Malta*

| LOKALITA' | NUMRU TA' MAISONETTES | GARAXXIJIET |
|---|---|---|
| Birzebbuga | 1 | 1 |
| Dingli | 1 | 1 |
| Luqa | 1 | 1 |
| Mtarfa * | 1 | 1 |
| San Gwann | 1 | 1 |
| TOTAL | 5 | 5 |

* *Advanced Shell Form*

*CLUSTER HOUSES*

| BINJA | NUMRU TA' CLUSTER HOUSES | GARAXX |
|---|---|---|
| Buqana | 4 | 4 |
| Ġebel id-Dwejra | 9 | 9 |
| TOTAL | 13 | 13 |

*GHAWDEX - MAISONETTES (Gebel u Saqaf)*

| LOKALITA' | NUMRU TA' MAISONETTES | GARAXXIJIET |
|---|---|---|
| Qala ** | 18 | 18 |
| TOTAL | 18 | 18 |

** Dawn inħarġu għall-allokazzjoni *on plan.*

Il-postijiet taħt dan l-avviż kienu mqassma u applikaw għalihom hekk:-

| KATEGORIJA | APPLIKANTI | UNITS |
|---|---|---|
| I - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wieħed b'ulied mhux miżżewġin jgħixu miegħu fl-istess fond u li joqgħodu ma' terzi. | 28 | 10 |
| ID - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wieħed b'ulied mhux miżżewġin jgħixu miegħu fl-istess fond u li għandhom diżabilita' u li joqgħodu ma' terzi. | 1 | 3 |
| H - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wieħed b'ulied mhux miżżewġin jgħixu miegħu fl-istess fond li huwa fi stat ta' periklu u/jew *substandard*. | 25 | 24 |
| HD - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wieħed b'ulied mhux miżżewġin jgħixu miegħu fl-istess fond li huwa fi stat ta' periklu u/jew *substandard* u li għandhom diżabilita'. | 1 | 7 |
| B - Koppji Għarajjes. | 461 | 14 |
| BD - Koppji Għarajjes b'diżabilita'. | 2 | 4 |
| DIS - Koppji Miżżewġin * jew Ġenitur wieħed b'ulied mhux miżżewġin jgħixu miegħu fl-istess fond, u li għandhom diżabilita' u ma joqgħodux go fond perikoluż u/jew *substandard* u ma joqgħodux ma' terzi. | 1 | 5 |
| TOTAL | 519 | 67 |

Wara l-verifika tal-519-il applikażżjoni riċevuta, l-applikanti ġew mogħtija il-punti. Il-lista tal-punti ġiet ippubblikata fuq in-*Notice Bord* ta' l-Awtorita' tad-Djar.

Min ma qabilx mal-punti mogħtija jew ma' l-invalidita' ta' l-applikażżjoni setgħa joġġezzjona bil-miktub u jagħti r-raġuni għaliex ma qabilx. Dawn l-oġġezzjonijiet għalqu fil-15 ta' Mejju, 1998. Ġie nominat sottokumitat għal ta' l-apposta biex jivverifika dawn l-oġġezzjonijiet u wara ġiet ippubblikata l-lista finali.

Taħt dawn il-Ħarġiet, il-benefiċjarji komplew igawdu minn xi kundizzjonijiet differenti li ġew introdotti taħt Avviż Numru 60:-

(1) Bħala riżultat ta' taħditiet mall-Lohombus Bank Limited,

(a) min jissellef mingħand dan il-Bank b'rata sussidjata jista jħallas lura s-self fuq medda ta' 30 sena (flok 25 sena) u jista jissellef b'rata sussidjata sa 90% tal-prezz sussidjat tal-fond (flok sa Lm 6,000) kemm biex jixtri u jlesti l-*maisonette* jew biex jixtri l-appartament. B'hekk il-benefiċjarju jħallas somma iżgħar bħala depositu;

(b) l-ispejjes għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni u dawk legali tal-Lohombus Bank Limited ġew imnaqsa drastikament.

(2) L-Awtorita' tad-Djar issussidjat ir-rata ta' l-imgħax fuq is-self sa 90% tal-valur issussidjat tal-*maisonette* u anke ta' dak tal-appartament.

Bħala riżultat ta' dan, il-pagament kull xahar għall-ħlas lura tas-self naqas.

Bħall-ħarġiet ta' qabel min jagħżel li ma jieħux self issussidjat jingħata skont (sussidju) ta' 10% fuq il-prezz issussidjat tal-fond.

(3) Reġgħet ġiet introdotta s-sistema li punti jingħataw lit-tfal kollha tal-applikant.

(4) Ingħataw punti *extra* għal min jgħix f'postijiet li l-*floor area* hija ristretta.

(5) Fil-kaz ta' applikazzjonijiet preċedenti ma' l-Awtorita', punti ngħataw għal kull sena li l-applikant applika bla success, anke jekk dawn l-applikazzjonijiet saru qabel l-1989.

(6) Minn jgħix f'residenzi perikolużi ngħata l-aktar preferenza.

L-Awtorita' tad-Djar offriet għajnuna biex tgħin lill-benefiċjarji jirrendu il-fond aċċessibbli għall-persuni b'disabilita'. Din l-għajnuna tikkonsisti f'għotja sa Lm 800 jew sa Lm 1200 skond kif hemm ipprovdut fl-iskeda annessa ma' l-Avviz. Oltre din l-għotja, l-Awtorita' tagħti għajnuna lill-benefiċjarji billi tħallas parti mill-imgħax li jkunu qegħdin jitħallsu mill-benefiċjarji lill-bank jew istituzzjoni finanżjarja fuq self mogħti lilhom sabiex jispiċċaw ix-xogħolijiet fuq il-fond akkwistat minnhom taħt dawn l-avviżi.




Waqt l-ipproċessar ta' dawn l-applikazzjonijiet, l-Awtorita' tad-Djar kienet għaddejja wkoll bir-revizjoni ta' kull sentejn fuq ir-rati sussidjati ta' l-imgħax u fuq iċ-ċens tal-*HOS plots* u fuq ir-rata ssussidjata ta' l-imgħax ta' self ta' l-iskemi "Sir Sid Ta' Darek". Dan l-eżerċizzju kien jinvolvi l-fuq minn 1,245 revizjoni.




| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' imgħax | 2½% | 3% | 3½% | 6% | 6½% | 7% |
| Skala ta' dħul fis-sena | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm |
| mhux aktar minn * | 2000 | 3000 | 4000 | | 5000 | |

* Dħul tal-beneficjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-ħarġa relattiva




| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' imgħax | 1% | 2% | 3% | 4½% | 6% | 7% |
| Skala ta' dħul fis-sena | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm |
| mhux aktar minn * | 1500 | 2000 | 3000 | 4000 | 5000 | |

* Dħul tal-benefiċjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-ħarġa relattiva




| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' Imghax % | ½ | 1 | 1½ | 2 | 2½ | 3 | 3½ | 4 | 4½ | 5 | 5½ | 6 | 6½ | 7 |
| Skala ta' dhul fis-sena mhux aktar minn * | Lm 1000 | Lm 1500 | Lm 2000 | Lm 2500 | Lm 3000 | Lm 3500 | Lm 4000 | Lm 4500 | Lm 5000 | Lm 5500 | Lm 6000 | Lm 6500 | Lm 7000 | |

* Dħul tal-benefiċjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-ħarġa relattiv




## 2.4. *Skema tal-Home Ownership*

L-Awtorita' tad-Djar baqgħet għaddejja bil-*policy* tagħha li *plots* allokati taħt l-iskema tal-*Home Ownership* u li jerġgħu jiġu fil-pussess tagħha jiġu żviluppati f'*maisonettes* u garaxxijiet. Bħalissa qegħda taħdem fuq 33 *plot* oħra.

## 2.5 *Skemi biex il-Kerrej isir Sid ta' Daru u Biex Isiru Xogħolijiet ta' Irranġar u Titjib f'Residenzi Privati*
*Skemi għall-Fidi ta' Cnus fuq Plots Mogħtija b'Cens Taħt il-Home Ownership Schemes*
*Skema ta' Sussidju fuq Kera ta' Residenzi Privati*

L-Awtorita' ipproċessat l-applikazzjonijiet li rċeviet taħt l-iskemi I, J, K, L, M, N u P.

Fl-istess żmien ikkonkludiet xi applikazzjonijiet pendenti li kienet irċeviet taħt avviżi 'llum skaduti ta' l-iskemi biex inkwilini jsiru sidien ta' darhom.

F'dan l-aħħar tnax-il xahar l-Awtorita' tad-Djar irċeviet u pprocessat l-applikazzjonijiet taħt l-iskemi differenti kif ġej:-

| SKEMA | APPLIK. RIĊEVUTI | APPLIK. APPROVATI | APPLIK. FINALIZZATI |
|---|---|---|---|
| I - Xiri ssussidjat ta' djar ta' abitazzjoni li huma proprjeta' tal-Gvern mill-kerrejja rispettivi. | 280 | 270 | 285 |

| SKEMA | APPLIK. RIĊEVUTI | APPLIK. APPROVATI | APPLIK. FINALIZZATI |
|---|---|---|---|
| J - Sussidju fuq kera ta' residenzi privati | 15 | 7 | 7 |
| K - Sussidju għall-fidi ta' Cens fuq Plots mogħtija b'ċens perpetwu mill-Awtorita' tad-Djar taħt l-iskemi tal-*Home Ownership.* | 11 | 11 | 25 |
| L - Għotja għal xogħolijiet ta' rranġar u titjib fi djar privati mill-inkwilini. | 115 | 96 | 69 |
| M - Għotja għax-xiri ta' djar ta' abitazzjoni privati mill-kerrejja rispettivi, għotja għal xogħoljiet ta' rranhar u titjib u self sussidjat. | 7 | 9 | 7 |
| N - Għotja għal xogħolijiet ta' rranġar u titjib fi djar privati okkupati jew ser jiġu okkupati mis-sidien u self sussidjat. | 169 | 155 | 94 |
| P - Sussidju għall-fidi ta' ċens fuq *plots* mogħtija b'ċens temporanju jew b'ċens temporanju li wara ġie konvertit f'wieħed perpetwu jew b'ċens perpetwu mid-Dipartiment ta' l-Art taħt l-iskemi tal-*Home Ownership.* | 24 | 571 | 599 |

L-applikazzjonijiet approvati taħt Skemi L, M u N għadhom ma ġewx kollha finalizzati peress li l-applikanti ma ppresentawx il-kontijiet tax-xogħol approvat biex isir il-ħlas.

L-iskemi L, M u N jipprovdu għall-għotja sa massimu ta' Lm 1,800 ħalli tgħin l-inkwilini jwettqu x-xogħolijiet ta' rranġar u titjib li ġejjin, jiġifieri:-

(i) tiswijiet ta' strutturi perikolużi;
(ii) il-bdil ta' stallazzjonijiet qodma ta' l-ilma u ta' l-elettriku;
(iii) xogħolijiet ta' titjib fi kmamar tal-banju jekk dawn ikunu taħt livell aċċettabbli jew, fejn ma' hemmx kamra tal-banju fil-post, għall-installazzjoni tal-kamra tal-banju;
(iv) twaħħil ta' madum ta' l-art biex il-post jiġi rendut abitabbli;
(v) tiswijiet ta' sistema qadima tad-drenaġġ jew is- sostituzzjoni tagħha;

(vi) it-tiswija tal-bibien ta' barra, ta' l-aperturi u ta' gallerijiet skond il-kaz, li jkunu taht livell aċċettabbli;

(vii) provizjoni ta' *water proofing* għas-soqfa tad-dar;

Permezz ta' emendi li dehru fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Novembru 1997, l-għotja tista tiġi uzata wkoll għax-xogħolijiet li ġejjin:-

(viii) Irranġar u xogħolijiet kontra l-umdita' bħal soluzzjoni permanenti sabiex jiġu eliminati problemi ta' umdita' f'ħitan fejn dawn jikkaġunaw inkonvenjenzi lill-okkupanti.

B'dan illi fejn l-applikant jissodisfa xi waħda mill-kondizzjonijiet fuq indikati jista' jitlob ukoll għajnuna biex isiru xogħolijiet f'bini ta' kamra/kmamar addizzjonali u/jew tibdiliet strutturali b'mod li r-residenza tkun aktar adekwata għall-bzonnijiet ta' l-applikant u l-familja tiegħu.

Barra minn hekk, taħt l-iskema M benefiċjarju jista' jieħu għotja sa massimu ta' Lm 1,800 biex jixtri l-fond fejn joqgħod u self issussidjat biex iħallas id-dar kif ukoll għotja sa massimu ta' Lm 1,800 u self issussidjat biex jagħmel xogħol ta' rranġar u titjib, waqt li taħt skema N jista' jgawdi minn għotja sa Lm 1,800 u minn self issussidjat biex jagħmel xogħol ta' rranġar u titjib.

F'dan l-aħħar tnax-il xahar saru:-

1. Żewġ kuntratti ta' bejgħ ta' fond tal-Gvern taħt Skema "G".

2. 208 konvenju u 285 kuntratt ta' bejgħ ta' djar u appartamenti tal-Gvern taħt Skema "I"

3. 190 konvenju u 135 kuntratt ta' bejgħ ta' appartamenti/*maisonettes* ġodda tal-Gvern.

4. 21 kuntratt fuq garaxxijiet u ħwienet maħruġa b'offerti.

5. 11-il kuntratt fuq *soil area*.

6. 2 kuntratti ta' verandi u partijiet komuni ta' blokkijiet fl-Imtarfa.

7. 7 kuntratti taħt skema "J" - sussidju fuq il-kera ta' residenzi privati.

8. 62 kuntratt ta' fidi ta' ċnus ta' *HOS Plots* li ġew allokati taħt l-1 sal-10 ħarġa - Skema K.

9. 69 kuntratt taħt Skema L - għotja lill-inkwilini għall-irranġar u titjib fi djar privati.

10. 7 kuntratti taħt Skema M - għotja għax-xiri ta' djar privati mill-inkwilini u għotja għal xogħol ta' rranġar u titjib kif ukoll self issussidjat għax-xiri tal-fond u għal xogħolijiet ta' rranġar u titjib.

11. 94 kuntratt taħt Skema N - għotja għal xogħol ta' rranġar u titjib lis-sidien li joqgħodu fir-residenza tagħhom.

12. 599 kuntratt taħt Skema P- fidi ta' cnus ta' *HOS plots* allokati qabel 1979 mid-Dipartiment ta' l-Art.

Fl-istess perjodu, l-Awtorita' ħarġet 27 permess ta' bejgħ lil dawk il-benefiċjarji li xtaqu jbiegħu d-dar li bnew fuq il-*plot* u dana wara l-għeluq ta' 10 snin mill-ħruġ tal-permessi tal-bini. Minn dawn, ġew finalizzati 25 kaz.

*2.6 Skemi Godda Ghal Xogħolijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi*

*A. Skema Numru Wieħed - Għajnuna Finanzjarja Għal Xogħolijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi Okkupati Minn Persuni b'Dizabilita'*

Din l-iskema li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Jannar 1998 tagħti għajnuna lill-familji u persuni li jbagħtu minn dizabilita' sabiex dawn ikunu jistgħu jirrendu d-dar tagħhom adekwata għall-bzonnijiet tagħhom jew biex jikkonvertu parti mill-fond eżistenti f'fond separat li jippermetti lill-persuni b'dizabilita' jgħixu b'mod indipendenti jew semi indipendenti qrib il-familjarji tagħhom.

B'persuni b'dizabilita' għandu jiftiehem dan li ġej:

(i) persuni għomja;
(ii) persuni li ma jistgħux jimxu;
(iii) persuni b'dizabilita' li jistgħu jgħixu waħedhom jew ma persuni oħra li għandhom dizabilita' f'ambjent indipendenti jew semi ndipendenti;

(iv) persuni li fl-opinjoni tac-Chairman fuq parir tal-Kumitat tista' tingħata għajnuna biex isiru x-xogħolijiet f'darhom, minħabba l-kundizzjoni medika jew mentali tagħhom.

Din l-iskema tipprovdi wkoll li qabel ma tingħata għajnuna finanzjarja, l-Awtorita' tagħti parir ta' natura teknika dwar x'tip ta' xogħolijiet jistgħu jsiru għall-aħjar beneficcju ta' l-applikanti jew persuna b'dizabilita'.
L-iskema torbot il-ħlas ta' għajnuna mal-bzonn tal-persuna. Għaldaqstant kull għotja tingħata biss skond il-bzonn tal-persuna b'dizabilita'.

L-applikant li jikkwalifika għall-għajnuna taħt din l-iskema jista' japplika għall-għajnuna f'forma ta' għotja ta' flus sa massimu ta' Lm 2,300 bl-iskop li d-dar tiġi adekwata għall-bzonnijiet tal-persuna b'dizabilita',

L-għajnuna fi flus għax-xogħolijiet ta' titjib li għandha sservi bħala *end finance* tista tiġi mogħtija biss għall-iskop ħalli tgħin l-applikant biex iwettaq ix-xogħolijiet ta' titjib kif ġej:-

(i) Alterazzjoni in ġenerali;
- estensjonijiet jew alterazzjonijiet biex issir kamra tal-banju jew W.C. meħtieġa għal persuni b'diżabilita'

(ii) Aċċess għall-kmamar;
- Rampa flok taraġ,
- Tibdil fit-taraġ, per ezempju biex titwessa' t-tarġa jew biex jiġu nkorporati nofs tarġiet,
- Poġġaman jew balavostri għar-rampi jew taraġ.

(iii) Bibien u twieqi;
- Twessiegħ jew tqegħid mill-ġdid ta' bibien biex jippermettu l-manuvra b' *wheelchair*,
- Tibdil ta' bibien għal *sliding* jew *folding*,
- Aċċessorji addattati, per ezempju serraturi bil-manku flok bil-pumijiet, pjanci tal-ħadid biex jilqgħu daqqiet ta' sieq,
- Strixxa biex tipproteġi il-kument tal-bibien. Alterazzjoni fit-twieqi biex dawk fil-*wheelchair* ikunu jistgħu jħarsu 'l barra,
- Twessiegħ ta' twieqi għal persuna b'vista difettuża.

(iv) Turġien u ċirkolazzjoni vertikali.
- Żieda ta' poġġaman ieħor fit-taraġ,
- Grada fejn jibda jew jispiċċa t-taraġ,

- *Lift/Stairlift* installat fit-taraġ għall-uzu bil-wieqfa jew bil-qegħda, jew bi pjattaforma għall-*wheelchair.*

(v) Servizz ta' l-ilma.
- Tibdil tal-vit ta' l-ilma għal wieħed addattat.
- Twaħħil mill-ġdid tal-vit f'livell konvenjenti.

(vi) Servizzi ta' l-elettriku u biex isaħħnu.
- Twaħħil mill-ġdid ta' *power points* f'livell konvenjenti.
- *Rocker light switches,*
- Qampiena ta' emerġenza,
- Qampiena addatata għal dawk difettuzi mis-smiegħ,
- Dawl florexxenti fil-kċejjen, kmamar tal-banju u bnadi simili għal persuni bil-vista difettuza,
- Sistema ta' *Alarm* għal min hu bla smiegħ, per ezempju dawl iteptpu.

(vii) Kċejjen
- Tibdil biex wiċċ il-*cabinets* tal-kċina. s-sink u l-armarji jiġu f'għoli konvenjenti,
- *Cookers* ġol-*cabinets* għall-uzu ta' nisa tad-djar b'dizabilita' fizika,
- *Cookers* bil-pumijiet speċjali għall-uzu ta' bniedem b'dizabilita',

(viii) Kmamar tal-banju u tad-W.C. addattati għall-persuni b'dizabilita'
- Doċċa minflok jew b'zieda għall-banju,
- Kabina tad-doċċa,
- Banju addattat,
- W.C. addattat,
- Friskatur addattat,
- Bidet addatat,
- Alterazzjoni fil-livell tad-W.C.,
- *Fixed bath hoist,*
- Twaħħil ta' *rails* mal-ħitan, il-banju jew tad-W.C.,
- Pjattaforma f'ras il-banju,

(ix) Xogħolijiet meħtieġa għall-*lifting aids.*
- Rinforz ta' soqfa biex jitwaħħal miegħu l-makkinarju għall-*lift* personali,

(x) Xogħoljiet ta' estensjoni u konverzjoni ta' bini

- Xogħolijiet u benefikati li lill-Awtorita' tad-Djar jidhrulha meħtieġa jew utli sabiex parti minn fond diġa' ezistenti jiġi estiz jew konvertit f'fond ieħor sabiex persuna jew persuni b'dizabilita' jkunu jistgħu jgħixu b'mod indipendenti jew semi indipendenti.

*B. Skema Numru Tlieta - Sussidju Fuq Xogħolijiet ta' Rranġar u ta' Titjib fi Djar Proprjeta' tal-Gvern*

Permezz ta' Avviż li deher fil-Gazetta tal-Gvern fl-14 ta' Frar 1998 ġiet ippubblikata skema li toffri għajnuna finanzjarja sa massimu ta' Lm 500 biex isiru xogħolijiet f'residenzi tal-Gvern mikrija lill-inkwilini kif ġej:-

(i) il-bdil ta' stallazzjonijiet qodma ta' l-ilma u ta' l-elettriku;
(ii) xogħolijiet ta' titjib fi kmamar tal-banju jekk dawn ikunu taħt livell aċċettabbli jew fejn ma hemmx kamra tal-banju fil-fond, għall-installazzjoni tal-kamra tal-banju ;
(iii) twaħħil ta' madum ta' l-art biex il-post jiġi rez abitabbli;
(vi) tiswijiet ta' sistema qadima tad-drenaġġ jew sostituzzjoni tagħha ;
(v) it-tiswija tal-bibien ta' barra, ta' l-aperturi ta' barra, ta' gallerijiet, skond il-kaz, li jkunu taħt livell aċċettabbli;
(vi) provizjoni ta' *water proofing* għas-soqfa tad-dar;

Taħt dawn iż-żewġ skemi l-Awtorita' tad-Djar irċeviet u pproċessat l-applikazjonijiet li ġejjin:-

| SKEMA | APPLIK. RIĊEVUTI | APPLIK. APPROVATI | APPLIK. FINALIZZATI |
|---|---|---|---|
| Skema Wieħed - Għajnuna Finanzjarja Għal Xogħolijiet Ta' Titjib Fir-Residenzi Okkupati Minn Persuni b'Dizabilita'. | 46 | 9 | - |
| Skema Tlieta - Sussidju Fuq Xogħolijiet Ta' Irranġar Fi Djar Proprjeta' Tal-Gvern. | 99 | 49 | - |

L-applikazzjonijiet approvati ma ġewx finalizzati peress li l-applikanti għadhom ma ppresentawx il-kontijiet tax-xogħol approvat biex isir il-ħlas

*C. Skema Ġdida Għax-Xiri Ta' Proprejta' Privata*

*Skema Numru Tnejn:- Xiri ta' Proprjeta' Privata Mill-Awtorita' tad-Djar*

Fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Frar 1998, l-Awtorita' tad-Djar talbet applikazzjoni mingħand sidien ta' postijiet privati vojta li jixtiequ jbiegħu din il-proprjeta' lilha.

L-iskema hija miftuħa għas-sidien ta':-

(a) bini diġa' zviluppat,

(b) bini li jinsab semi zviluppat,

(c) siti li fuqhom inħarġu jew jistgħu jinħarġu permess tal-bini mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar,

(d) siti vojta li jinkludi bini li jinsab fi stat delapidat jew fi stat ħazin ta' tiswija.

Fil-każ ta':-

(a) bini li huwa diġa zviluppat l-Awtorita' tad-Djar takkwista din il-proprjeta' b'titolu ta' xiri,

(b) siti li fuqhom inħarġu jew jistgħu jinhargu permessi ghall bini mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar jew ta' siti vojta li jinkludi bini fi stat delapidat jew fi stat ħazin ta' tiswija, l-Awtorita' tad-Djar u s-sid jizviluppaw dawn is-siti bhala *joint venture* taħt termini li jigu mifthema bejn iz-zewg partijiet.

Taħt din l-iskema l-Awtorita' tad-Djar irċeviet 89 talba.

Sal-lum, l-Awtorita' tad-Djar iffirmat sitt konvenji għax-xiri ta' 112-il fond ta' residenza u 109-il garaxx. Laħqet ftehim ma seba' sidien oħra li tnejn minnhom rtiraw l-offerta tagħhom. Ġew irrifjutati 31-il talba.

*2.7 Il-Proġett ta' l-Imtarfa*

L-izvilupp tal-Proġett tal-Belt ta' l-Imtarfa tkompla skond il-pjan imfassal biex jinbnew aktar djar mgħammra bil-faċilitajiet, servizzi u l-infrastruttura kollha meħtieġa għal Belt moderna.

Ix-xogħol fuq il-proġett ta' bini ta' 30 *maisonette* bil-garaxxijiet magħhom tlesta u l-*maisonettes* ġew allokati. Dan il-proġett jinkludi wkoll passaġġ u ġnien pubbliku fuq in-naħa ta' wara tal-*maisonettes* minn fejn wieħed jista' jgawdi veduta fuq ic-Chadwich Lakes. Dan il-*landscaping* għandu jitlesta fi żmien

qasir. Tlesta wkoll il-bini ta' 40 *Cluster House* u 40 garaxx. Dawn l-appartamenti flimkien mal-garaxxijiet ġew allokati wkoll u wħud minnhom huma diġa abitati.

L-Awtorita' tad-Djar allokat xi ħwienet li jagħmlu parti mill-bini tat-*Town Centre*. It-*Town Centre* jinkludi wkoll *Club*, Klinika, Uffiċċju tal-Posta u Għassa tal-Pulizija. Qed isiru trattati mad-Dipartimenti kkonċernati sabiex dawn il-faċilitajiet jibdew jiġu amministrati. L-Awtorita' tad-Djar ittrasferixxiet biċċa art ħdejn it-Town Centre lill-Kurja u fil-fatt ix-xogħol fuq il-bini ta' Knisja u Ċentru Parrokkjali qiegħed issa fi stadju avvanzat. Il-proġett ta' l-irranġar u bini ta' estensjoni mall-*Gymnasium* esistenti tlesta. Din il-faċilita' flimkien mat-*Tennis Courts* issa qed tiġi amministrata minn għaqda sportiva.

Minbarra x-xogħol fuq il-bini, tkompla ukoll ix-xogħol tal-infrastruttura fosthom it-toroq madwar l-*HOS plots*, it-tqegħid ta' servizzi ġodda taħt l-art u d-dawl fit-toroq. L-Awtorita' tad-Djar għandha l-inkarigu li tamministra u twettaq xogħol ta' ko-ordinazzjoni ma' l-Awtoritajiet ikkonċernati dwar l-installazzjoni tas-servizzi kollha meħtieġa fl-Imtarfa. Ta' min isemmi li dawn is-servizzi jitħallsu ukoll mill-fondi tal-Awtorita'. Ix-xogħol tat-toroq u ta' l-infrastruttura għandu jitlesta matul is-sena d-dieħla. L-Awtorita' tad-Djar għandha pjan għal bini ta' madwar 80 *maisonettes* u appartamenti f'erba' lokalitajiet oħra fl-Imtarfa. Tlestew pjanti dwar xi wħud minn dawn iż-żoni ġodda u l-Awtorita' tad-Djar qed tistenna l-permessi mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex tkun tista tkompli l-proċeduri meħtieġa biex jitlesta l-proġett.

Barra minn hekk l-Awtorita' tad-Djar żammet kuntatt mar-residenti kollha ta' l-Imtarfa, il-benefiċjarji tal-postijiet ġodda kif ukoll mal-Kunsill Lokali u l-Assoċjazzjoni tar-Residenti ta' l-Imtarfa, u ħadet azzjoni fuq talbiet u lmenti li jagħmlu dawn ir-residenti u l-benefiċjarji minn żmien għall-żmien.

*Attivitajiet oħra matul is-sena*

2.8.1 Saru 45 kuntratt minn Nutara magħzula mill-benefiċjarji stess ħalli jiġu iffinalizzati t-trasferimenti tal-*HOS plots* lill-beneficjarji. Oltre dawn saru wkoll 87 kuntratt rigward fidi ta' ċnus gravanti fuq l-istess *HOS plots*.

2.8.2 L-Awtorita' tad-Djar irċeviet applikazzjoni waħda għall-ftuħ ta' ħwienet fuq *HOS plots*. Din ġiet approvata.

